MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 413/2014

**Public Broadcasting Services Limited**
**C 13140**

**Vs**

**Enelux Limited**
**C 51633**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet prevja kull dikjarazzjoni ohra opportuna, tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elf, erba' mija u sittax -il ewro (€1,416) oltre l-imaxx dekorribbli skond il-ligi rapprezentanti reklami u/jew messaggi promozzjonali fuq l-istazzjonijiet operati mis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2219/2013 u tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax bl-oghla rata

skond il-ligi mid-data tal-fattura kontra l-intimati, bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-14 ta' April, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta' April, 2015 u filfatt is-scjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' elf, erba' mija u sittax -il ewro (€1,416) bl-imghax bl-oghla rata skond il-ligi mid-data tal-fattura sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2219/2013 u tal-mandat kawtelatorju, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------